

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2008/0014(COD)**

11.9.2008

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-isforz ta' l-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sa l-2020  
(COM(2008)0017 – C6-0041/2008 – 2008/0014(COD))

Rapporteur: Cornelis Visser

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-rapporteur għal opinjoni huwa b'mod ġenerali favur it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u jista' jaqbel maż-żewġ miri ewlenin stabbiliti mill-Kunsill Ewropew:

- Tnaqqis ta' mill-inqas 20% fil-gassijiet b'effett ta' serra (GHG) sal-2020 – li jiżdied għal 30% jekk ikun hemm ftehim internazzjonali li fiha pajjiżi żviluppatti oħra jikkonmettu ruħhom għal "tnaqqis komparabbli fl-emissjonijiet u pajjiżi li qed jiżviluppaw aktar avvanzati ekonomikament jikkontribwixxu adegwament skont ir-responsabbiltajiet tagħhom u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom".
- Perċentwali ta' 20% ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu fil-konsum tal-enerġija tal-UE sal-2020.

Ir-rapporteur għal opinjoni jenfasizza, madankollu, li l-isforzi biex jitnaqqsu l-gassijiet b'effett ta' serra jridu jkunu sforzi globali. Il-pajjiżi kollha għandhom jikkontribwixxu u għaldaqstant il-Kummissjoni trid tagħmel dak kollu li tista' biex tiżgura li jintlaħaq ftehim internazzjonali u li dan il-ftehim ikollu ambitu wiesa'.

Ir-rapporteur għal opinjoni jaqbel mal-Kummissjoni li jinqas l-isforzi li jagħmel kull Stat Membru biex jikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-impenn tal-Komunità għall-2020 għal tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra permezz tal-limitazzjoni ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi barra l-ETS tal-UE.

Ir-rapporteur għal opinjoni huwa favorevoli għall-proposta tal-Kummissjoni li għandha l-għan li tiddetermina l-kontribut tal-Istati Membri biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-2013 sal-2020 għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn sorsi mhux inklużi fid-Direttiva 2003/87/KE (jiġifieri sorsi mhux inklużi fl-ETS tal-UE). Taħseb għall-evalwazzjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet li diġà jkun sar wara l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Barra minn hekk, huwa favorevoli għall-flessibilità li ngħatat lill-Istati Membri permezz tal-possibilità li tnaqqis iċċertifikat f'emissjonijiet bħala riżultat ta' proġetti tal-mekkaniżmu tal-iżvilupp nadif skont l-Artikolu 12 tal-Protokoll ta' Kyoto u riżultat ta' attivitajiet ta' tnaqqis ta' emissjonijiet f'pajjiżi terzi jkunu jistgħu jintużaw sabiex jiġi implimentat dan l-isforz.

Ir-rapporteur għal opinjoni, madankollu, jinsab imħasseb li l-iskema tista' toħloq distorsjonijiet fil-kompetizzjoni fl-UE jekk l-Istati Membri ma jimplimentawx l-iskema b'mod simili. Barra minn hekk, il-kumpaniji tal-UE jistgħu wkoll ibatu fil-kompetizzjoni internazzjonali.

F'dan l-isfond, ir-rapporteur għal opinjoni jqis li l-Kummissjoni għandha tissorvelja b'mod kontinwu l-effetti fuq il-kompetizzjoni fl-UE kollha u l-kompetizzjoni internazzjonali u kif ukoll tressaq rapport ġenerali sal-2016 dwar dawn il-kwistjonijiet lill-Parlament Ewropew.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 5 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom, fir-rapporti annwali tagħhom sottomessi taħt l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 280/2004/KE, jirrappurtaw l-emissjonijiet annwali tagħhom li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 3 u l-użu tal-kreditu skond l-Artikolu 4.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom, fir-rapporti annwali tagħhom sottomessi taħt l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni *Nru.* 280/2004/KE, jirrappurtaw ***dwar l-aspetti tal-kompetizzjoni u*** l-emissjonijiet annwali tagħhom li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 3 u l-użu tal-kreditu skond l-Artikolu 4 *ta' din id-Deċiżjoni.*

### Emenda 2

#### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 5 – paragrafu 2 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Kull sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport li jevalwa kif l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Istati Membri skont din id-Deċiżjoni affettwat il-kompetizzjoni fil-livell nazzjonali, dak tal-UE u dak internazzjonali.***

### Emenda 3

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 5 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 5a**

**Mekkaniżmu ta' konformità**

*Fejn l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ta' Stat Membru li ġejjin minn sorsi li mhumiex koperti mid-Direttiva 2003/87/KE jaqbżu l-limitu annwali tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra stipulati fl-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni, dak l-Istat Membru għandu jħallas penali għall-emissjonijiet żejda li tkun ekwivalenti għall-ammont stipulat fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2003/87/KE. Dik il-penali għall-emissjonijiet żejda għandha tmur f'fond tal-Komunità ddedikat għall-finanzjament ta' miżuri għall-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima.*

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-aġġustamenti applikabbli wara l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali fil-ġejjieni dwar it-tibdil tal-klima***

***Il-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali fil-ġejjieni dwar it-tibdil tal-klima***

***1. Il-paragrafi 2, 3 u 4 għandhom japplikaw wara l-iffirmar mill-Komunità ta' ftehim internazzjonali dwar it-tibdil tal-klima b'riżultat ta' tnaqqis mandatorju li jaqbeż dak skond l-Artikolu 3.***

***Fi żmien sitt xhur wara l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali dwar il-bidla fil-klima li twassal għal tnaqqis obligatorju li jaqbeż dak stipulat fl-Artikolu 3, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tiġi adottata skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat li tiddetermina l-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru għall-isforz Komunitarju addizzjonali għat-tnaqqis.***

***2. Mis-sena wara l-iffirmar tal-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1, l-emissjonijiet***

*tal-gassijiet serra fil-Komunità minn sorsi mhux koperti taħt id-Direttiva 2003/87/KE fl-2020 skond l-Artikolu 3(1) għandhom jtkomplu jitnaqqsu b'ammont daqs it-tnaqqis addizzjonali globali ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-Komunità mis-sorsi kollha stabbiliti fil-ftehim internazzjonali għall-Komunità, immultiplikat bis-sehem tat-tnaqqis totali tal-Komunità ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra għas-sena 2020 li jikkontribwixxu għalih l-Istati Membri permezz ta' tnaqqis ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra minn sorsi mhux koperti fid-Direttiva 2003/87/KE skond l-Artikolu 3.*

*3. Kull Stat Membru għandu jikkontribwixxi għall-isforz tat-tnaqqis addizzjonali tal-Komunità fi proporzjon għas-sehem tiegħu ta' l-emissjonijiet totali tal-Komunità minn sorsi mhux koperti fid-Direttiva 2003/87/KE għas-sena 2020 skond l-Artikolu 3.*

*Il-Kummissjoni għandha temenda l-Anness biex taġġusta l-limiti ta' l-emissjonijiet skond l-ewwel subparagrafu. Dik il-miżura, imfassla sabiex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Deċiżjoni, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 9(2);*

*4. L-Istati Membri jistgħu jżidu l-użu tagħhom tal-krediti tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 4(4) minn pajjiżi terzi li jkunu rratifikaw il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 u skond il-paragrafu 5 sa nofs it-tnaqqis addizzjonali li jsir skond il-paragrafu 2.*

*Kull Stat Membru jista' jittrasferixxi l-parti mhux użata ta' dak l-ammont għal Stat Membru ieħor.*

*5. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri biex ttiprovdi għall-użu mill-Istati Membri ta' tipi addizzjonali ta' krediti ta' proġetti jew għall-użu mill-Istati Membri*

*ta' mekkaniżmi oħra li jinħolqu skond il-ftehim internazzjonali, kif xieraq.*

*Dawk il-miżuri, li tfasslu sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Deċiżjoni billi jżidu magħha, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 9(2).*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-reazzjonijiet għall-konklużjonijiet tan-negożjati dwar ftehim internazzjonali ma jkunux proċess awtomatiku iżda suġġetti għal evalwazzjoni u deċiżjoni politika. Barra minn hekk, id-distribuzzjoni tal-isforzi addizzjonali għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultat tan-negożjati internazzjonali.*

#### **Emenda 5**

##### **Proposta għal deċiżjoni Artikolu 10**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport ta' valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni għandha tissottometti dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Ottubru 2016, flimkien ma' proposti kif jixraq.

###### *Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport ta' valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. ***Dan ir-rapport għandu jevalwa wkoll kif l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni affettwat il-kompetizzjoni fil-livell nazzjonali, dak tal-UE u dak internazzjonali.*** Il-Kummissjoni għandha tissottometti dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Ottubru 2016, flimkien ma' proposti kif jixraq.

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	L-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra
<b>Referenzi</b>	COM(2008)0017 – C6-0041/2008 – 2008/0014(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b>	ENVI
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 19.2.2008
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Cornelis Visser 11.3.2008
<b>Eżami fil-kumitat</b>	2.6.2008                      16.7.2008
<b>Data tal-adozzjoni</b>	9.9.2008
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+:                      38 -:                      1 0:                      0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mariela Velichkova Baeva, Paolo Bartolozzi, Zsolt László Becsey, Pervenche Berès, Sebastian Valentin Bodu, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Manuel António dos Santos, Christian Ehler, Elisa Ferreira, José Manuel García-Margallo y Marfil, Jean-Paul Gauzès, Robert Goebbels, Donata Gottardi, Gunnar Hökmark, Karsten Friedrich Hoppenstedt, Othmar Karas, Christoph Konrad, Guntars Krasts, Kurt Joachim Lauk, Andrea Losco, Astrid Lulling, Gay Mitchell, Sirpa Pietikäinen, John Purvis, Alexander Radwan, Bernhard Rapkay, Heide Rühle, Eoin Ryan, Antolín Sánchez Presedo, Salvador Domingo Sanz Palacio, Olle Schmidt, Margarita Starkevičiūtė, Ieke van den Burg
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Harald Ettl, Piia-Noora Kauppi, Vladimír Maňka, Bilyana Ilieva Raeva, Margaritis Schinas